**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 27 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 10**

**Avviz Nru: 847/01 AE**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plce hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurata taghhom Josephine Gatesy u l-istess Josephine Gatesy**

**Vs**

**Raymond Suda**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija u hamsa u disghajn lira Maltija u erbgha u sittin centezmu li jinkludu hamsa u ghoxrin lira Matija (Lm25) 'excess', danni kagunati f'incident tat-traffiku li sehh fil-31 ta' Lulju 2000

gewwa Triq San Albert, Gzira bejn il-vettura bin-numru LEW 152 misjuqa mill-attrici u l-vettura bin-numru FBE 336 misjuqa mill-konvenut.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident tat-traffiku in kwistjoni.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Novembru 2001 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

1. L-incident tat-traffiku meritu tal-kawza sehh fil-31 ta' Lulju 2000 gewwa Triq San Albert, Gzira bejn vettura misjuqa minn Josephine Gatesy (Nissan 100NX bin-numru LEW 152) u vettura misjuqa mill-konvenut (Suzuki Super Carry bin-numru FBE 336).

2. Mir-rapport ta' l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz jirrizulta li *a tempo vergine* l-attrici qalet li *"she was turning in the sqr. of St. Albert Street near car parts and Car No FBE 336 came down from Vjal De La Salle and the Collision occurred"*. Kliem li gie kkonfermat mill-istess pulizija fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2001 meta ddikjara: ***"Is-sewwieqa tal-vettura LBE 152 qaltli li hija kienet***

***gejja minn Rue d'Argens u daret ghal gewwa St. Albert Street biex terga' ddur lura ghal gewwa Rue d'Argens".*** Sabiex ghamlet din il-manuvra l-attrici ghaddiet minn fuq il-linji bojod li huma estensjoni tat-*traffic island* li hemm u li taqsam it-traffiku li jkun diehel ghal Triq San Albert mit-traffiku li jkun hiereg ghal fuq Rue d'Argens. Il-pulizija kkonferma li ***"irrizultali illi din il-vettura*** (dik tal-attrici) ***ghaddiet minn fuq din il-marka bajda".*** It-Tribunal ma jistax jiskarta x-xhieda moghtija mill-pulizija u dak li jirrizulta li l-attrici rrakontatlu *a tempo vergine*.

3. Fil-kors tas-smiegh tax-xhieda, l-attrici ma kkonfermatx din il-verzjoni. Anzi nsistiet li hija kienet ghaddejja minn Triq San Albert, Gzira u fl-ebda hin ma ghamlet manuvra biex iddur mat-*traffic island* li hemm fil-parti tat-triq fejn sehh l-incident (ara ritratti ezebiti bhala Dok RS1 u Dok JG1). B'riferenza ghall-iskizz li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, l-attrici ddikjarat ***"jiena naqbel mal-posizzjoni tal-vetturi kif jidhru fuq l-istess sketch".*** Posizzjoni li fil-fehma tat-Tribunal tikkonferma x-xhieda moghtija mill-pulizija Robert Everest fir-rigward tal-vettura misjuqa mill-attrici. Kieku, kif tghid l-attrici, hija kienet hierga minn Upper St. Albert Street il-vettura ma kenitx ser tispicca bil-mod angolat li tidher fl-iskizz (ara **Dok. RE2**).

4. Gialdarba jirrizulta li bil-manuvra li ghamlet l-attrici qasmet il-*flow of traffic* ghall-vetturi hergin minn Upper St. Albert Street u Triq De La

Salle, kellha l-obbligu li tara li ma kienux ghaddejjin vetturi fil-mument li ghamlet manuvra simili. Stabbilit li fic-cirkostanzi tal-kaz il-konvenut kellu r-*'right of way'*, hu difficli li wiehed jaddebitalu xi responsabbilta jew kontributorjeta ghall-akkadut. Il-manuvra li ghamlet l-attrici kien jimponi fuqha l-obbligu li ccedi ghat-traffiku li kien fit-toroq fuq imsemmija, kif ukoll tesplora sew it-triq. Dan qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghal fatt li fil-fehma tat-Tribunal il-manuvra li ghamlet l-attrici hija fiha nnifisha censurabbli peress li *traffic island* m'ghandhiex isservi bhala *roundabout*. Kif tajjeb qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs Joseph Zammit** deciza fl-1 ta' Frar 1958 (Vol. XLII.iv.1238): *"Ghalkemm ma jidhirx li hemm bzonn, biex ikun hemm round-about, li jinhareg xi avviz tal-Pulizija, pero' hu logiku li roundabout ghandha tkun, esternament, rikonoxxibbli ragjonevolment bhala tali. Issa, f'dan il-kaz, ma hemm xejn li jista' jaghti ad intendere li din il-qatgha hi round-about…… Hu ovvju li bicca art ma ssirx round-about, bir-responsabbiltajiet kollha li huma mplikati bl-ezistenza taghha, sempliciment ghax il-Pulizija tiddecidi marte proprio li hi tali; imma jehtieg li tkun rikonoxxibbli bhala tali, billi jkollha l-karatteristici, jew almenu xi whud minnhom, li soltu wiehed jara f'roundabout"*. Fil-kaz taghna jirrizulta inekwivokabilment li t-*traffic island* ma tista' bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni tikkwalifika bhala roundabout.

5. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-kawza prossima u mmedjata ta' l-incident kienet in-nuqqas ta' *'proper look out'* da parti ta' l-attrici u l-mankanza taghha li tiehu l-prekawzjonijiet indikati fic-cirkostanzi u

li kienet obbligata li tiehu meta ddecidiet li taghmel manuvra simili. Ta’ rilevanza wkoll huwa l-fatt li l-hsara fil-vettura misjuqa mill-konvenut kienet fil-gemb **fuq il-parti ta’ wara**.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet fuq premessi jichad it-talba ta’ l-atturi bl-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) kontra taghhom.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**